MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru 960/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**KONTRA**

**MOHAMMED TOUARHA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mohamed Touarha ta' 40 sena, bin Mokdad ben Taghi u slima bent Jillali, mwieled Casablanca, Marokk nhar id- 29 ta' Ottubru 1966 u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 132593(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) fis- 26 ta’ Awwissu 2006, ghal habta ta’ 12.15am gewwa fi Triq Sant’ Elena, Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fuq il- vettura bin- numru tar-registrazzjoni LUV 004 tal- ghamla Fiat Seicento ghad-dannu ta’ Miriam Saliba minn tas- Sliema, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50;
2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarajment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fuq il-vettura bin- numru tar- registrazzjoni GVP 536 tal- ghamla Ford Focus ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta, liema hsarat hija ta’ inqas minn Lm50;
3) ukolla talli fis- 26 ta’ Awwissu 2007 ghal habta tal- 12.15am fi Triq Sant’ Elena, Sliema ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Nicky Pace minn tas-Sliema hekk kif iccertifikat Dr. Formosa mill- Gzira Health Centre;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli ghal dan ir-reat ghadda minghajr ma l-imputat ma kien gie qatt notifikat jew misjub mill-Prosekuzzjoni;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti tiddikjara din il- kawza preskritta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------